**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta' Referenza ta' l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum it-Tnejn 15 ta' Gunju 2020, fis-2:00 p.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud **l-Agent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri** iben Elia imwieled il-Hamrun bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kemm ilek fil-Korp Sur Magri?

***Ix-Xhud :***
Ha naghlaq sitta u tletin (36) Sur Imhallef.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sitta u tletin (36) sena. U servejt ir-ranks kollha?

***Ix-Xhud :***
Iva; minn kuntistabbli u bqajt tiela'.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok. U bhala Agent Kummissarju kemm-il darba servejt?

***Ix-Xhud :***
Ufficjalment din id-darba, imma kien hemm zminijiet fejn kien hemm kummissarji ohrajn li kienu jkunu jew sick jew isiefru, kont.. dak I was deputizing in their absence. Kont naghmel xoghol fl-assenza taghhom.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
I see. Qabel ma' gejt mahtur Agent Kummissarju issa l-ahhar wahda, fejn kont stazzjonat? Liema unit kont qed isservi?

***Ix-Xhud :***
Kelli diversi units. Dak li huwa 'operational' nghidilhom jien. Ma kelli x' naqsam xejn ma' dak li huwa investigative u dak li huwa legali. Il-bqija..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Meta tghid 'operations' voldieri operations tal-Korp? Administration tal-Korp?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu; Distretti, RIU, K9, Traffic Section.

***Imhallef A Lofaro :***
CID ma kontx? CID?

***Ix-Xhud :***
Le. Ghamilt thirteen (13) years meta kont spettur.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt, hemm niftakrek.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri meta s-Sur Michael Cassar hareg bil-medical leave wara li rrezenja fis-'16, hemmhekk inti wkoll dhalt bhala Agent Kummissarju.

***Ix-Xhud :***
Imma mhux ufficjali; konna.. kont inlahhaq..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont tlahhaq. All right.

***Ix-Xhud :***
Inlahhaq ix-xoghol. Pero` fejn jirrigwardja, biex nippreciza, fejn jirrigwardja affarijiet li stajt ovvjament nidhol jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ha nsemmilek lil dawn it-tnejn imma, lis-Sur Cassar u s-Sur Cutajar.

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn kont tahdem vicin maghhom?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
… jew kellek dipartiment qisu ghalik?

***Ix-Xhud :***
Jiena dejjem kelli d-dekasteru tieghi. Fhimt? U ma kontx nidhol fejn jirrigwarda dekasteru ta' haddiehor.

***Imhallef A Lofaro :***
Terga' tghidli x' kien id-dekasteru tieghek?

***Ix-Xhud :***
Mela ghandi d-Distretti.

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri dejjem bqajt bihom dawn.

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Ix-Xhud :***
Anke bhala Deputat Kummissarju bqajt bihom.

***Imhallef A Lofaro :***
Id-Distretti kollha.

***Ix-Xhud :***
Id-Distretti kollha; u mbaghad dawk li huma operational; RIU, SIU, Control Room; hemm diversi. Imbaghad dawk li huma trades, dawk li huma estates; dawk fejn jirrigwardja l-K9; Mounted Section; Ttraffic Ssection. Dawk kollha kienu jaqghu taht id-dekasteru tieghi.

***Imhallef A Lofaro :***
Allura meta kont Agent Kummnissarju bhal ma inti issa kien jizdiedlek ix-xoghol u r-responsabbiltajiet.

***Ix-Xhud :***
Imma ma kontx nidhol fuq affarijiet ta' haddiehor Sinjura Mhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jekk m' hemmx Kummissarju?!

***Ix-Xhud :***
Imma qatt ma inqalaghli dawk l-affarijiet, dak il-bzonn.

***Imhallef A Lofaro :***
Qatt ma kien hemm il-bzonn.

***Ix-Xhud :***
No. No qatt ma kien hemm dak il-bzonn.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax li kieku kien hemm il-bzonn kont tidhol inti.

***Ix-Xhud :***
Nahseb li kien ikolli nidhol jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal dawk li huwa protezzjoni ta' persuni inti kont tkun involut fiha din?

***Ix-Xhud :***
Ma fhimtekx il-mistoqsija. Ghalkemm dak li…?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghal dak li huwa protezzjoni ta' persuni ..

***Ix-Xhud :***
Protezzjoni ta' persuni; no.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti kont tkun involut fihom?

***Ix-Xhud :***
No. Dik kienet taht r-remit tal-Kummissarju.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma meta kont Agent Kummissarju!

***Ix-Xhud :***
Qatt ma nqala' l-kaz; pero` dan l-ahhar kelli naghmel diversi; dan l-ahhar. Mis- '17 'l hawn ghamilt diversi.

***Imhallef A Lofaro :***
Minn Jannar.

***Ix-Xhud :***
Yes. Ta' din is-sena.

***Imhallef A Lofaro :***
Zdidulek ohrajn godda jigifieri.

***Ix-Xhud :***
U zgur, hafna iktar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri qabel, qabel, ara halli mmorru ghas-suggett; dak li jirrigwarda f' Daphne Caruana Galizia, all right?

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti dak iz-zmien qabel l-assassinju taghha x' pozizzjoni kellek? X' dekasteru kellek? Dan l-istess wiehed li semmejtli?

***Ix-Xhud :***
Dan l-istess wiehed ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-istess.

***Ix-Xhud :***
Pero` qatt ma gejt…, qatt ma gejt avvicinat minn xi hadd jew kelli struzzjonijiet li jiena mill-dak.., pero` kellha. Kien diga` kellha in place.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Diga` kellha. Issa kif tafu dan? X' tip ta' protezzjoni kellha?

***Imhallef A Lofaro :***
Fixed point?

***Ix-Xhud :***
Le fixed point….

***Imhallef A Lofaro :***
Le.

***Ix-Xhud :***
…qabel ma kinetx tkun trid, kienu jghidulna.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kinetx tkun trid.

***Ix-Xhud :***
Pero` ahna xorta konna naghmlu patrol ghal dik in-naha. Jigifieri l-patrol kienet issir xorta f' dawk l-akkwati.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna ghandna termini ta' referenza ..

***Ix-Xhud :***
Jiddispjacini minhiex nifhmek …

***Imhallef A Lofaro :***
Terms of reference.

***Ix-Xhud :***
Ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ta' referenza, li jispecifikaw, li intom suppost ghandkom obbligu …… li tiehu mizuri ..

***Ix-Xhud :***
Minhiex nisma' …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ara, ghandkom; ahna fit-termini of reference taghna hemm miktub illi suppost il-Pulizija ghandha mizuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipprotegi lil dawk l-individwi li hajjithom hija f' riskju. Din suppost li ghandkom intom. Dawn il-mizuri operazzjonali li int suppost responsabbli ghalihom kont, x' inhuma? Jezistu? Ma jezistux?

***Ix-Xhud :***
Jezistu ghax jiena f' kemm ilni Agent Kummissarju kien hemm diversi requests li kien hemm persuni li jibdew jibzghu li ha jigrilhom xi haga ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu.

***Ix-Xhud :***
..u jiena kont naghmlilhom il-frequent patrol u kien hemm affarijiet .

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk kien hemm mizuri nazzjonali huma elenkati x' imkien jew skont kif x' ifettlilkom intom? Jigifieri hemm xi kodici ta' prattika jew xi haga?

***Ix-Xhud :***
Le le, m' hemmx. Ma nahsibx li hemm. Minhiex cert. Qatt ma rajthom dawn.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qatt ma rajthom.

***Ix-Xhud :***
Ma jidhirlix li hemm imma.

***Imhallef A Lofaro :***
Min jiddeciedi? Hemm xi Bord?

***Ix-Xhud :***
Le; dik ifhimni, jiena qatt ma .., jiena meta gejt mitlub jiena ddecidejt.

***Imhallef A Lofaro :***
Taghmel nahseb li ghandek xi check list …

***Ix-Xhud :***
Naghmel il-meeting ma' min ghandi naghmel il-meeting u skont it-threat li kien ikolli mbaghad wiehed jiddeciedi. Jekk ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ieqaf sekonda; 'meta gejt mitlub', min jitolbok?

***Ix-Xhud :***
Ikolli persuna individwali …persuna any ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk xi hadd ma jitolbokx ma jkunx hemm dawn il-mizuri?

***Ix-Xhud :***
Jekk ma nkunx naf li huwa fil-perikolu, ma jkollix in-nies taghna ma jindikawlix – isma', hemm threat ghal dak il-persuna, tajjeb li wiehed-..; fhimt?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma mbaghad hemm cirkostanzi fejn ikun ovvju li persuna tista' tkun esposta ghal riskju; fejn naf? Xi hadd illi.. persuna agressiva, taghmel certi movimenti li tikkrea konfuzjoni lin-nies; dak ikun ovvjament qieghed f' riskju kontinwu. Ma taghmlux dan l-assessment intom?

***Ix-Xhud :***
Jekk ikun hemm persuna li tkun imqarba jigifieri? Persuna mqarba?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le; persuna ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le. Kontroversjali.

***Ix-Xhud :***
Kontroversjali, number 1 nibghat ghalih inkellmu jien. Generalment dejjem inkellimhom il-persuni. Nghidilhom isma', nghidilhom nahseb li hija dak ..

***Imhallef A Lofaro :***
Taf kif kienet tikteb hi.

***Ix-Xhud :***
Iva iva.

***Imhallef A Lofaro :***
U tattakka lin-nies. Issa tajjeb jew hazin; imma hekk kien isir

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma hassejtux li allura kellha bzonn peress li kienet kontroversjali xi protezzjoni?

***Ix-Xhud :***
Ma kinetx fil-kompitu tieghi dak iz-zmien li naraha.

***Imhallef A Lofaro :***
Li kieku kien kompitu tieghek x' kont taghmel?

***Ix-Xhud :***
Nahseb ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ipotetika hux.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ha nghidlek Sur Magri, inti ghedt fix-xhieda tieghek illi s-sinjura Caruana Galizia kienet irrifjutat il-protezzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Qalulu, qal. Qalulu.

***Ix-Xhud :***
Ma qalithiex lili ghax jien qatt ma kellimtha lis-sinjura.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right; kif tafu dan?

***Ix-Xhud :***
Tismaghhom jitkellmu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Lil min smajt?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli li John Rizzo kien qalha wkoll. L-eks Kummissarju John Rizzo jidhirli li kien qal.

***Imhallef A Lofaro :***
Meta xehed quddiemna?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli li qrajtha dik kont ehe.

***Imhallef A Lofaro :***
Qraha f' xi gurnali mela.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Smajthom minn xi haddiehor barra hu? Ghax jien jidhirli li ma qalhiex din. Anzi qal illi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Is-Sur Rizzo hawnhekk qal illi ma kienx kompitu taghha li taccetta jew le. kienet kompitu tieghu illi jaghtiha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U kien jibghat xorta wahda.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva hekk qal, iva ghandek ragun. Niftakar  hekk qal iva.

***Ix-Xhud :***
Ehe xi haga hekk ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hekk kien qal.

***Ix-Xhud :***
Pero` kienu jsiru. Jien li nista' nghidlek huwa li kienu jsiru ronda fil-vicinat taghha.

***Imhallef A Lofaro :***
Patrol.

***Ix-Xhud :***
Patrol iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kienet tghaddi minn quddiem id-dar? Ghax ir-ragel taghha xehed  illi le.

***Ix-Xhud :***
Le ma nahsibx li kienet tghaddi minn quddiem id-dar.

***Imhallef A Lofaro :***
Le. Hekk qal ir-ragel taghha fil-fatt.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U haga ohra; wara li ppubblikat l-istorja fuq l-Panama Papers u s-17 Black ma hassejtux illi s-sitwazzjoni tas-sigurta` taghha hawnhekk gravat? Illi kien hemm iktar – hemm iktar possibbilta` ta' threat reali?

***Ix-Xhud :***
Dak iz-zmien kont Assistent Kummissarju; ma kienx il-kompitu tieghi Sur Imhallef.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma kienx il-kompitu tieghek.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-kompitu ta’ min kien li jaghmel dan l-..?

***Ix-Xhud :***
Mhux ta’ fuqna?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tal-Kummissarju.

***Ix-Xhud :***
Tal-Kummissarju.

***Imhallef A Lofaro :***
Tieghu biss hux hekk?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma din it-tip ta’ protezzjoni, inti kellek l-operations taht idjek. Jigifieri kellek l-RIU, it-traffic; din it-tip ta’ protezzjoni kienu l-operations li kienu tahtek li kienu jwettquha jew le?

***Ix-Xhud :***
Le le le, dawk tad-Distrett li kienu tahti wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U allura jekk iwettquha dawk tad-Distrett inti x’ informazzjoni kien ikollok dwar x’ qed iwettqu l-ufficjali tad-Distrett dwar din il-protezzjoni?

***Ix-Xhud :***
Li kienet issir regolari l-patrol.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma li kienet issir regolari ghedtilna mhux fit-triq taghha.

***Ix-Xhud :***
Fl-area.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fl-area.

***Ix-Xhud :***
Fl-area. Ma tistax tidhol hemm gew fejn toqghod hi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U allura per ezempju tahtek kien hemm l-RIU. Fl-ahhar xhur jew l-ahhar gimghat qabel l-assassinju taghha tista' tindikalna l-RIU ghamlux operations fit-triq taghha jew fl-area taghha bhal roadblocks?

***Ix-Xhud :***
Ma nistax nghidlek hekk. Irrid nara r-records jekk kienx hemm.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma jkun hemm records taghha din?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U dawn jinzammu r-records?

***Ix-Xhud :***
Suppost naturalment; dawn kull meta jsir record issir record ta' kemm waqqfu nies; min huma l-vertturi, min huma; x' tip ta' charges gew.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dawn jinzammu fid-Distrett – fl-ufficcju tad-Distrett jew fil-Headquarters?

***Ix-Xhud :***
Suppost kullimkien. Jekk jiena ghandi d-Distrett tal-Mosta suppost dawna jillogjaw ir-ronda x' ghamlu, x' osservaw. Dik hi r-regola. Issa jekk kienx isir dan ma nistax nghid hu dak iz-zmien!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nofs sekonda ta; ha naghmlu hekk, insa dan kollu; illum jezisti (bhala Kummissarju qed nistaqsik), jezisti lista ta' nies li huma f' riskju? Jigifieri inti, jekk nistaqsik illum hemm xi hadd f' Malta li huwa f' riskju? Ma rridx inkun naf min hu jien. Jekk hemm xi nies li huma f' riskju u li intom qed tiehdu dawn il-mizuri operazzjonali biex tipproteguhom; jezistu?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghidlek huwa Sur Mhallef li hemm lista tal-postijiet fejn hemm trid issir dik il-frequent patrol. Ikunu individwi. Per ezempju, jien naf?, kellu xi trouble ma' xi tnejn imqarbin per ezempju ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, anke per ezempju hu Magistrat, per ezempju hu Imhallef li ..

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt hemm magistrati hemm uhud minnhom naghmlulhom l-ghassa, fixed point.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, imma jigifieri dak hemm x' imkien miktub li dawn in-nies ghandhom jigu protetti f' dawn iz-zminijiet u x' ghandu jsir?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le.

***Ix-Xhud :***
Le le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kulhadd skont kif ihossha.

***Ix-Xhud :***
Mhux skont kif ihossha; tohrog id-direttiva li ghandha issir dik il-fix point ma' dak it-tip – ma' dak il-persuna, u mbaghad sta ghall-ufficjal li jmexxi dik it-taqsima li jara li ssir.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Taf ghax qed nghidlek hekk? Ghaliex il-protezzjoni mhux semplicement ghax inti toqghod hemm tipprotegi d-dar! Il-protezzjoni hija sistema li tiggarantixxi l-hajja ta' dak li jkun. Jigifieri ma tistax tkun hundred percent cert li qieghed..ghax inti hemm limiti kemm tista' tipprotegi n-nies, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Hekk hu hemm hu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma mhux semplicement ghax joqghod hemm daqshekk! Jigifieri jekk biex nghid hekk il-Prim Imhallef ghandu theddida, ikollu patrol, imur ghax-xoghol u jerga' jigi. I mean ikun hemm dawn it-tip ta' attenzjoni. Dawn il-proceduri x' imkien ikunu jezistu jew fl-arja kollox?

***Ix-Xhud :***
Le le, ghandna sezzjonijiet fejn jofruh dan is-servizz; inkluz per ezempju l-RIU. It-taqsima ta' l-SIU biex inkun preciz. Gie li noffru dan it-tip ta' personal security.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe, imma min jikkordinah dan ix-xoghol?

***Ix-Xhud :***
L-ufficjal inkarigat minnu. Issir, nitkellmu mal-persuni li jitolbu; naraw x' inhuwa l-ilment taghhom; wiehed jinvestiga, jara jekk hemmx threat fuqhom vera, u jekk ahna naraw li huwa threat, ghandu theddida fuqu, allura ahna naghmlulu l-protezzjoni li sakemm anke per ezempju dinjittarji li jigu minn barra.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma dan l-ufficjal ta' l-RIU jaqa' tahtek, le?

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-hidma li jkun qed jaghmel dak l-ufficjal lilek jinformak biha? Hemm rigistru fejn tigi rrekordjata din il-hidma?

***Ix-Xhud :***
Lili jinformani mela; jghidli isma' qeghdin naghmlu din it-tip ta' ronda. Qeghdin noffru din it-tip ta' protezzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U fejn tirrigestrawha?

***Ix-Xhud :***
Kemm qeghdin taghmluha? Minn fejn sa fejn? Ghax mhux dejjem ikun possibbli li naghmluha l-hin kollu. Dawn l-affarijiet jigu mnizzlin, mela le?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fejn jigu mnizzla?

***Ix-Xhud :***
Mhux fir-records tad-Dipartiment?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Liema Dipartiment?

***Ix-Xhud :***
Taghhom stess. Per ezempju l-SIU ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ta’ l-RIU?

***Ix-Xhud :***
L-SIU, l-RIU inizzlu fejn; anke meta hargu u meta….

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U biex taghtu, biex tiskatta din it-tip ta’ protezzjoni tridu tintalbu biex taghtuha jew taghtuha fuq inizjattiva taghkom?

***Ix-Xhud :***
Jiena x’ ghamel haddiehor ma nistax nghid pero` dak li nista’ nghid ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Qed insaqsi lilek bhala l-irresponsabbli minn din ...

***Ix-Xhud :***
Jiena li nista’ nghidlek huwa dan; meta gew persuni quddiemi jitolbuni din it-tip ta’ protezzjoni jiena kont nara, nevalwa s-sitwazzjoni, u mbaghad nagixxi minn hemm hekk.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dika meta jitolbuk. Ha nghidlek, jiena kont Prim Imhallef, tajjeb? Bhala Prim Imhallef darba hrigt mill-gallerija u nsib karozzi tal-Pulizija, helicopter fuq rasi!; ghedtilhom – hawn x’ gara? Qaluli - ghandna bzonn nipproteguk Sur Mhallef – Sur President. Ghedtilhom - tipproteguni minn xiex? Qalilna – halli f’ idejna ha nipproteguk. Jigifieri jiena ma ghedtilhom xejn; ma nafx, u ghandi sal-lum ma nafx ghaliex. Imma ovvjament kien hemm xi informazzjoni bejn il-Pulizija jew is-Secret Service jew xi haga illi wasslet lill-Pulizija biex tiehu dawn il-passi. Issa jien qed nghid mhux bilfors allura jigu jitolbuk, tajjeb? Pulizija stess ghandu jkollha l-mezzi, f’ kazijiet estermi, mhux kulhadd! Ghax..; per ezempju jghidu din il-persuna rridu nipproteguha ghax hawn l-ghajta li jistghu joqtluha ghada! Mela allura rridu nipproteguha. U din tkun irregistrata x’ imkien u xi hadd jiehu decizjoni. Ahna rridu nkunu nafu min ha d-decizjonijiet.

***Ix-Xhud :***
Dawk id-decizjonijiet li ttiehdu fil-konfront ta' Mrs Galizia ma nafx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' l-individwi.

***Ix-Xhud :***
Ma nafx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domandi qed isiru ghaliex ahna ghandna espressament nghidu jekk dawn is-sistemi jezistux fil-pulizija, jekk jizistux humiex effettivi, u jekk ma jezistux x' ghandna naghmlu. Jigifieri mhux qed nistaqsihomlok ghal pjacir dawn.

***Ix-Xhud :***
Le nifhmek ehe.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax ghandna miktub illi rridu nirrelataw ahna fuq dawn il-punti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fis-sena 2017 nghid sew illi inti kont diga` tiehu hsieb l-operations, jigifgieri l-RIU u t-Traffic u dawk kollha kulhadd involut fil-protection services inti kont diga` tiehu hsiebhom fit-2017.

***Ix-Xhud :***
Nahseb, iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Issa fit-2017 u fit-2016 nafu ghax anke jafha kulhadd illi Daphne kienet habret il-kwistjoni tal-Panama Papers u ta' 17 Black. Inti bhala l-ufficjal - l-oghla ufficjal fil-Pulizija li tiehu hsieb dan is-servizz iddiskutejtu jekk din il-persuna hijiex qed tkun.. hijiex qed tinbex to the extend, biex nuza dik il-kelma, illi ghandha bzonn il-protezzjoni? Jew hijiex qed taghmel taqdi r-responsabbilta` taghha bhala gurnalista to the extend li jixirqilha protezzjoni?

***Ix-Xhud :***
Jien jidhirli li konna tkellimna  ehe, u mbaghad kienu gew ghamlu dan il-patrol; u sirt naf..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
'Konna tkellimna' min?

***Ix-Xhud :***
Mhux il-Kummissarju dak iz-zmien nahseb jien kien? Ma niftakarx min konna ta' imma! Imma nahseb li konna tkellimna fuq hekk hu! Kienet concern taghna.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jekk insibu d-detail book per ezempju tal-Ghassa tal-Mosta jirrizulta xi haga minn hemmhekk?

***Ix-Xhud :***
Bhala patrol?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala patrols.

***Ix-Xhud :***
Hekk suppost.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghax allura ..

***Ix-Xhud :***
Hekk suppost.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U dan id-detail book fejn jinzamm hemmhekk? Huwa l-Mosta?

***Ix-Xhud :***
Din id-detail ta' kull jum.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jekk per ezempju ngibu dati partikolari

***Ix-Xhud :***
Inti trid tghidli jekk kienx hemm dettaljat issirx patrol mas-sinjura?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ehe.

***Ix-Xhud :***
Ma nahsibx li kien ta imma pero` hekk dettaljata.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Pero` inti fl-istess hin qed tghidilna li ddiskutejtuha mal-Kummissarju u li Daphne kienet concern taghkom. Issa bhala persuna li kienet concern taghkom jiena nsibha difficli li jiena jkolli concern bhal ufficjal tal-Pulizija dwar ir-riskji ta' persuna u mbaghad ma nafx il-patrol li qed isir lilha. Tista' tispjega din l-ambigwita li jien qed inhoss?

***Ix-Xhud :***

Jiena qed nghidlek li kienet issir ir-ronda, u jien dik li nista' nghidlek.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Jigifieri ghalikom ir-ronda mhux fit-triq taghha kienet bizzejjed?

***Ix-Xhud :***

Minhiex qed nghidlek li kienet bizzejjed. Qed nghidlek li kellna li kien hemm instruzzjonijiet li ssir ir-ronda.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Tista' taghtina r-raguni ghaliex iddecidew li jaghmlulha r-ronda? X' kienet ir-raguni?

***Ix-Xhud :***

Sur President, li ghal din li kienet tikteb nahseb jien hux!

***Imhallef J Said Pullicino :***

Le mhux x' tahseb; jien ma nafx. Suppost jiena nippretendi …

***Ix-Xhud :***

Heq!, dak hu, dak hu. Billi kienet qed tinbex in-nies; ha nuza l-kliem hekk.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Le le le ..

***Ix-Xhud :***

Jiddispjacini ghax mhix il-kelma- ..mhix il-kelma addattata; jiddispjacini.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Le le ifhimni ftit. Jiena nifhem li mhux kull min ikollu bzonn protezzjoni jkun fir-ragun, tajjeb? Imma jekk ikollu bzonn protezzjoni trid ittihielu; dan hu il-punt. Issa hawn qed nitkellmu fuq xi hadd ..

***Ix-Xhud :***

Sur President….

***Imhallef J Said Pullicino :***
Skuzani ftit; qed nitkellmu fuq xi hadd illi qajjem kwistjoni li kienet tinvolvi l-iktar nies importanti f' Malta, tajjeb?, ghal darba darbtejn, u kull darba tul is-snin zdiedet id-doza, mela suppost nippretendi jien illi l-Pulizija jkunu qeghdin isegwu x' qed jigri dan id-doza kif qed tikber, qed niftehmu? Ghaliex ir-riskji zied skont l-akkuzi u skont in-nies involuti. Issa jien suppost nifhem jien, il-Pulizija f' xi zmien fuq dan il-kaz partikolari issa, insa lil dak u lill-iehor, fuq dan il-kaz partikolari nippretendi li ghandi nsib record ghaliex dik l-mara kellha bzonn protezzjoni s' hawn fit-tali data. Tliet snin wara gara hekk, zdiedet il-protezzjoni, x' ser naghmlu? Jekk qattx bghattu ghaliha per ezempju. Qatt bghattu ghaliha biex tghidulha – hares, ara kif tagixxi ghaliex ser ikollok ..

***Ix-Xhud :***
…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dawn l-affarijiet iridu isiru, parti mis-sigurta` hu!

***Ix-Xhud :***
Jien qatt ma kelli involviment biex naghmel dan u qatt ma gejt sostwit..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti responsabbli; kont qieghed fil-Korp

***Ix-Xhud :***
Imma kif ghedtlek qabel, dik kienet qisu r-remit tal-Kummissarju li jaghmilha dik.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela …l-Kummissarju dak iz-zmien; naraw is-Sur Cutajar x' jghidilna.

***Imhallef A Lofaro :***
Kienet ir-remit tieghu qal; tas-Sur Cutajar tas-Sur Cutajar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk tippermettili, fuq il-mistoqsijiet ta' qabel inti ghedtilna illi gie li aggixxejt Agent Kummissarju imma mhux ghax ufficjalment mahtur. Mela, l-ewwel darba li kont ufficjlament mahtur bhala Agent Kummissarju meta kienet?

***Ix-Xhud :***
Fis-17 ta' Jannar ta' din is-sena.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ta' din is-sena. Pero` ..

***Ix-Xhud :***
Ma nafx meta harget, imma biex ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nahseb f' dik il-gurnata, f' dak iz-zmien. Pero` d-drabi l-ohra, 'l ghaliex hawnhekk xehed l-ekx Kummissarju Michael Cassar u qal li meta siefer fuq kwistjoni medika halla f' idejk bhala Agent

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dik kienet darba meta inti servejt bhala Agent Kummissarju?

***Ix-Xhud :***
Dik kienet darba iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kienet ufficjali?

***Ix-Xhud :***
Le xejn ufficjali.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kinetx ufficjali.

***Ix-Xhud :***
Le. Meta nghid 'ufficjali' ma hargitx fil-Gazzetta tal-Gvern.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt ezatt.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imbaghad l-eks Kummissarju Cassar irrezenja u kien hemm ftit ta' zmien meta l-Korp ma kellux ufficjalment Kummissarju tal-Pulizija. Ma' tul dak iz-zmien min kien l-Agent Kummissarju tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Nahseb li hadd.

***Imhallef A Lofaro :***
Jekk ma kienx fil-Gazzetta, hadd.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma hija importanti ghalina.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva iva.

***Ix-Xhud :***
Hadd.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kien hemm hadd.

***Ix-Xhud :***
Kulhadd kien responsabbli` tad-dekasteru tieghu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ta’ xoghlu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux ta’ b’ xejn li ma sar xejn fuq l-FIAU.

***Imhallef A Lofaro :***
Heq! Ma kien hemm hadd.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq kwistjoni ta’ sigurta` x’ kienu r-relazzjonijiet bejn il-Korp tal-Pulizija, u x’ inhuwa llum ukoll, bejn il-Korp tal-Pulizija u s-Secret Service? Fuq il-protezzjoni qed nitkellmu issa.

***Ix-Xhud :***
Is-Secret Service xogholha hu li taghmel it-threat, tigbor l-informazzjoni u mbaghad tghaddih lilna, u jekk dan l-informazzjoni tasal li nikkonkludu li l-persuna huwa realment threatened hemmhekk imbaghad niehdu azzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela allura jista’ ikollna informazzjoni ahna jekk qattx sar xi kumment, xi sottomissjoniji mis-Secret Service lill-Pulizija fuq informazzjoni li kellhom li kixfu fuq is-sinjura Caruana Galizia?

***Ix-Xhud :***
Jien ma nafx bih jekk kien hemm.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti ma tafx li kien hemm.

***Ix-Xhud :***
Ma nafx li kien hemm.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sakemm kont involut inti qatt ma kien hemm referenza mis-Secret Service lill-Pulizija fuq ir-riskju jew inkella l-perikolu li kellha .., no.

***Ix-Xhud :***
Lili zgur li le. Qatt ma avvicinawni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma kienu javvicincawk kieku lilek jew kienu javvicinaw lil ta' fuqek?

***Ix-Xhud :***
Le javvicinaw dejjem lil ta' fuqi; is-Secret Service ghal ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghall-Kummissarju.

***Ix-Xhud :***
Ghall-Kummissarju dirett.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tifhem inti; ghaliex jista' ikun li s-Secret Service jkunu qeghdin b' xi mod isegwu xi ….. ta' xi delitt, tajjeb?, jew ta' xi ksur ta' ligi, jirrizultalhom li hemmhekk hija xi haga konnessa ma' xi rapport li tkun ghamlet is-sinjura Caruana Galizia u dawk jibghatuh lill-pulizija; minn dan ma kellek xejn minn dan inti ..

***Ix-Xhud :***
Ma nafx inwiegbek ghax l-operat taghhom ma nafx kif inhu ezatt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma tafx kif inhu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri ma' tul dawk ix-xhur meta s-Sur Cassar ma kienx ghadu Kummissarju tal-Pulizija, inti, ix-xoghol tieghek involva per ezempju xoghol fuq ir-rapporti tal- FIAU?

***Ix-Xhud :***
No.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-file operation green taf biha inti?

***Ix-Xhud :***
News ghalija.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ippermettili nsaqsi din id-domanda; jekk wiehed ifittex ir-rapporti fil-gazzetti ghal dawk ix-xhur kulhadd isib li inti kont l-Agent Kummissarju tal-Pulizija. Inti qatt innegajtu dan?

***Ix-Xhud :***
Ghal meta qed tghid? Ghal dan iz-zmien mis-17$^{th}$ January 'l hawn?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le, fi zmien is-Sur Cassar; meta s-Sur Cassar mar on medical leave u mbaghad kien hemm interim period wara li rrezenja l-hatra ta' wara.

***Ix-Xhud :***
Jidhirli wara kif irrezenzja mbaghad kien hemm is-Sur Lawrence Cutajar li lahaq Agent.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U fi zmien sakemm lahaq is-Sur Cutajar ..

***Ix-Xhud :***
..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le? Jigifieri xoghlok ma' tul dan iz-zmien qatt ma involva investigazzjonijiet jew operations fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Brian Tonna, Carl Cini, Keith Schembri, Joseph Muscat, Ali Sadr, Yorgen Fenech..

***Ix-Xhud :***
Qatt.

***Imhallef A Lofaro :***
Dak ma kienx parti minn xoghlok?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienx.

***Ix-Xhud :***
No.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` l-ufficjali tieghek, jigifieri meta nghid ‘l-ufficjali tieghek’ qed nghid ufficjali tat-Traffic, ta’ l-RIU, tad-Distrett, kienu involuti, le?, fl-investigazzjoni ta’ l-omicidju.

***Ix-Xhud :***
Iva jiena ma kontx involut.

***Imhallef A Lofaro :***
Eh, hu ma tkellimtx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri meta l-ufficjali tad-Distrett kienu onsite fil-gurnata ta’ l-omicidju inti ma kontx involut?

***Ix-Xhud :***
Jien ma mortx hemmhekk dak inhar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma inti taf ....

***Imhallef A Lofaro :***
Jekk kienx parti minn xogholok ta; dik hi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kont involut b’ xi mod?

***Ix-Xhud :***
Le. Jiena Sinjura Mhallef, jiena dak iz-zmien ta’ l-omicidju jidhirli li kont meeting meta informawni li gara dak li gara. Jiena kelli l-forensika taht idejja dak iz-zmien u cempilt lill-ispettur inkarigat, staqsejtu x’ gara u ma ma garax.

Imbaghad staqsejtu jekk ghandux bzonn xi haga u affarijiet hekk, u mexxa kollox kif suppost.

***Imhallef A Lofaro :***
Issa meta l-ewwel staqsejtek fuq 17 Black, Panama Papers, ma dahlitx ir-risposta tieghek

***Ix-Xhud :***
Sewwa.

***Imhallef A Lofaro :***
Biex tidhol fir-records, inti ghedtli – dak ma kienx parti mid-doveri tieghek …

***Ix-Xhud :***
Le

***Imhallef A Lofaro :***
… li tinvestiga

***Ix-Xhud :***
Hekk hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Grazzi. Ghax ma dahlitx fit-tape

***Ix-Xhud :***
Hekk hu. Jien ma nvestigajtx. Sinjura Mhallef, Sinjuri, jiena ma kellix x' naqsam qatt fl-investigazzjonijiet relatati la ma' l-omicidju tas-Sinjura Caruana Galizia u lanqas il-kazi li hargu wara; Panama Papers, 17 Black.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax la kont Vice Squad, la kont CID ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta tghidli qatt ma kont involut la fl-investigazzjoni ta' l-omicidju u lanqas fir-rapporti ta' korruzzjoni u ta' l-FIAU reports qed tinkludi anke din is-sena minn Jannar s' issa qatt ma kont involut?

***Ix-Xhud :***
Issa ha nghidlek fejn kont involut jien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok.

***Imhallef A Lofaro :***
Minn Jannar iva hux.

***Ix-Xhud :***
Minn Jannar mhux ezattatamemt Sinjura Mhallef

***Imhallef A Lofaro :***
Ma taqax taht ir-responsabbiltajiet tieghek?

***Ix-Xhud :***
Waqghu, baqghu, imma jiena kelli n-nies li huma l-ufficjali inkarigati biex imexxu dawk l-investigazzjonijiet u ma hassejtx il-bzonn li nidhol fuqhom jien.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma jekk inti responsabbli ghalihom!?

***Ix-Xhud :***
Trid tifhem x’ inhi r-raguni li ser nghidlek imma.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nafx. Qed tinkwetani issa.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nghidlek, ir-raguni itihielna; pero` .. li meta inti sirt Agent Kummissarju inti dhalt responsabbli..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghal kollox.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghal kollox; kollox.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jiena nippretendi, forsi zbaljat, li meta sirt Kummissarju jien tajjeb?, li l-ewwel haga li naghmel nara x’ hemm jahraq u nibghat ghal dak li jkun u nghidlu..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?!

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nkompli nsaqsik halli mbaghad tkomolli fuqha; fiex sibtbhom dawn l-inkjesti u l-affarijiet li ghadhom jaharqu meta dhalt inti u xi progress ghamel minn dak inhar sal-lum?

***Ix-Xhud :***
Saru. Il-progress li sar huwa ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont ser tghidilna fiex kont involut inti.

***Ix-Xhud :***
Din li ser nghid.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghidilna.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma minn Jannar l' hawn?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Minn Jannar 'l hawn.

***Ix-Xhud :***
Minn Jannar 'l hawn. Appena sirt Agent Kummissarju kont kelli laqgha ma' membri ta' rapprezentanti ta' l-Europol, u dawn kienu staqsewni jekk jiena bhala Agent Kummissarju jekk kellix l-intenzjoni li nkompli niehu l-assistenza tal-Europol. Ovvjament jien ghedtilhom li iva li ha nkomplu, u minn hemmhekk jien kont iffurmajt Task Force bir-rapprezentant – b' investigaturi kollha li ghandhom x' jaqsmu ma' l-omicidju u kif ukoll ma' affarijiet, kazi ohra, hasil ta' flus, 17 Black u Pilatus Bank, dawk il-kazi.

***Imhallef A Lofaro :***
Sewwa; kollox.

***Ix-Xhud :***
Dawk il-kazijiet kollha. Din it-Task Force giet iffurmata minn diversi Dipartimenti nkluz is-Servizzi Sigrieti, u kont tajthom xi nies biex nibbijfjahom halli jkunu jistghu jkomplu l-kooridinament tal-kaz – ta' l-investigazzjonijiet, analizi. Fil-fatt anke dahhalt analista, jew kien hemm tnejn analisti; wahda minnhom kienet pajzana wkoll. Ibbijfjajthom bi staff ghax ma kienx hemm dak l-istaff rikjest; biex ikompli jsir ix-xoghol kif suppost.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ha nwaqfek kemmkemm hawn. Mela meta dhalt inti sibt sitwazzjoni li rajtha u meta rjatha inti dherlek li ghandek bzonn tamel task force. Ir-raguni x' inhi? Jigifieri kienet ir-raguni li dan kien xoghol imxerred u ridt taqduh flimkien? Ghax li hu mertu tieghek jiena ghandna intuhulek; jigifieri kien hemm it-tixrid u ridt taqduh flimkien biex taghmlu koordinat jew inkella kollox kien miexi sewwa u ghamilt over and above din? X' kienet is-sitwazzjoni?

***Ix-Xhud :***

Din kien hemm biex ikun hemm iktar koordinazzjoni tax-xoghol. U mhux kulhadd jahdem silos.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Jigifieri inti dherlek li kien hemm il-perswazzjoni; kien mehtieg dan.

***Ix-Xhud :***

Kien anke highlighted mir-rapprezentanti tal-Europol. Jigifieri dan kien suggeriment li l-ahjar li jsir hekk. U jien ghedtilhom, qbilt maghhom u ghedtilhom let ..; u tajthom l-equipment, l-extensions ..

***Imhallef J Said Pullicino :***

Jigifieri nistghu nghidu allura u fil-fatt jirrizulta dan eh, li almenu fuq dak li huwa detlitt proprju sar certu progress u l-investigazzjoni bdiet issir b' certu mod li wiehed jista' jghid li ahjar minn ta' qabel; jew issa qad issir sew u qabel ma kinetx. Imma jigifieri din hi s-sitwazzjoni; inti sibt sitwazzjoni li kellek tintervjeni biex tirranga l-affarijiet; biex taghmel aktar streamlined.

***Ix-Xhud :***

Hekk tigi eh, hekk tigi

***Imhallef A Lofaro :***

Issa inti mbaghad staqsejthom fiex waslu, x' fadlilhom jaghmlu?

***Ix-Xhud :***

Jiena Sinjura Mhallef ir-remit tieghi kellu jkun qasir hafna. Jiena kelli just biex id-dghajsa tkompli sejra. Issa jiena ma stajtx f' dak iz-zmien qasir kollu nistudja dawk il-kazi kollha ..

***Imhallef A Lofaro :***

Imma issa ilek hames xhur!

***Ix-Xhud :***
Iva; imma hemm wisq affarijiet biex wiehed jekk ma jkunx bdihom mill-bidu biex ikun jaf ezattament x' hemm! Allura hassejt jien, anke ghas-sahha ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
…ghandna disa' xhur

***Ix-Xhud :***
..anke ghas-sahha ta' l-istess investigazzjoni, ma kellix nintrometti ruhi jien bejn dawn il x' … , all right kont niehu r-rapport, u nghidlu fiex wasalna hemm? Fiex wasalna hemm? Hemmhekk ghanda bl-inkjesta. Hemmhekk ghadna u hekk, imma..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma kontx tara per ezempju certu nies jekk gewx investigati…?

***Ix-Xhud :***
Per ezempju meta mbaghad hadt din il-pozizzjoni niftakar li kien hemm …; hemmhekk fejn dhalt jiena personalment biex ninvestiga; kien il-kaz fejn kien hemm dak ir-rappurtagg kontra d-Deputat Kummissajru Silvio Valletta.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe.

***Ix-Xhud :***
Hemmhekk kont hassejt il-htiega li nidhol jien biex haddiehor ma jkollux- .. Billi jiena kont l-unika wiehed qisni ma kellix x' naqsam ma' dak kollu, hassejt il-htiega anziir-responsabbilta` biex ninvestigah jien lis-Sur Valletta.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri hemmhekk dan jien qed nghidilkom dak li ghaddejt minnu.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma hemm nies ohrajn, ma hassejtx il-htiega li tibghat ghalihom?

***Ix-Xhud :***
Jien personali?

***Imhallef A Lofaro :***
Nisimghu fl-Ahbarijiet, naqraw fil-gurnali. Mhux int personali; inti bhala Agent Kummissarju.

***Ix-Xhud :***
Jien nghidilhom - isma', dak x' ghamilna fuqha? Dik x' ghamiltu fuqha?

***Imhallef A Lofaro :***
Imma certu nies baghtu ghalihom biex jinvestigawhom?

***Ix-Xhud :***
Baghtu baghtu. L-ahhar wahda per ezempju kienet tal-Kummissajru – l-eks Kummissarju fejn kien hemm il-leak ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma baghtu ghal nies ohrajn? Is-Sur Schembri, Dr Cardona ..

***Ix-Xhud :***
Dawk jiena sa fejn naf informat li dawk kollha kellmuhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Kellmuhom.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti ma qghadtx tara l-istqarrija u tara jekk hemmx bzonn iktar investigazzjonijiet?

***Ix-Xhud :***
Jiena ninsisti li jibqghu jsiru l-investigazzjonijiet u ghalhekk ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma dhaltx fiha, qisek ma dhaltx fiha.

***Ix-Xhud :***
..u ghalhekk ghamilt dik il-…ghamilt ..

***Imhallef A Lofaro :***
Qisek mintix tindahlilhom; jekk fimthek sew.

***Ix-Xhud :***
Mhux ezattament,. Mhux ezattament.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghidli inti mela.

***Ix-Xhud :***
Mhux ezattament. Ma rridx intellef il-process kif inhu sejjer, ghax jiena nghid ghalija ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura kuntent bl-affarijiet kif sejrin; hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghid fl-omicidju xahrejn wara tressqu erba' minn.. le, tressqu ..

***Imhallef A Lofaro :***
Veru; tlieta..

***Ix-Xhud :***
…tliet persuni.

***Imhallef A Lofaro :***
Tlieta.

***Ix-Xhud :***
Imbaghad ghandna r-raba' wiehed ukoll. Jigifieri xi naqra progress sar.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela le? Hadd ma qed jghid li le.

***Ix-Xhud :***
Jigifieri jien ma nistax….

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti tahseb li lesta l-investigazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Fadal.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma nahsibx hu!

***Ix-Xhud :***
Fadal. Jien nghidlek li fadal. Fadal.

***Imhallef A Lofaro :***
Ghalhekk qed insaqsik jekk inti rajtx li ghandhom jissejhu certu nies, jew jekk diga` issejhu jergghu jissejhu. Tkellimhom inti ukoll. Ma nafx, inti trid tghidilna.

***Ix-Xhud :***
It-Task Force ghalhekk Sinjura Mhallef ..

***Imhallef A Lofaro :***
It-Task Force immexxija minnek.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Le!!!

***Ix-Xhud :***
It-Task Force hija mmexxija minn.. ic-Chair taghha huwa l-ispettur investigatur ...

***Imhallef A Lofaro :***
Keith Arnaud?

***Ix-Xhud :***
Keith Arnaud.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mhux inti? … stops with you.

***Ix-Xhud :***
Le le mhux jien.

***Imhallef A Lofaro :***
Qisek ma dhaltx fiha hafna.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk nistghu wkoll, inti ghedt li investigajt inti lill-eks Deputat Kummissarju Silvio Valletta.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dik l-invgestigazzjoni ghadha pendenti?

***Ix-Xhud :***
Le; dik hija ..jiena lili kien qalli li.., dik meta siefer. Meta siefer ma' Yorgen

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-konnessjonijiet tieghu mas-Sur Fenech ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux dik biss. Hemm iktar ta!

***Ix-Xhud :***
Eh..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fosthom.

***Imhallef A Lofaro :***
Smajnihom fl-Ahbarijiet hu, li ghaddielu l-informazzjoni; isma' ggejjin jarrestawk. Ma nafx ..

***Ix-Xhud :***
…jinnega. Innega kien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, l-investigazzjoni fil-konfront tas-Sur Valletta nifhem li minn dak li qed tghidli li kienet iffukata biss fuq jekk sifirx mieghu jew le?

***Ix-Xhud :***
Jekk ghaddilux l-informazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk ghaddilux..; u dik l-investigazzjoni giet konkluza?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli li hemm inkjesta wkoll fuqha dik, illi ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ejja ninsew ghal mument, ghax ahna nafu li l-Pulizija tmexxi hi. Jien kont Magistrat; m’ hemmx bzonn tistennew l-inkjesta ta!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Min-naha tal-Pulizija, il-Magistrat jaghmel xoghol hu; min-naha tal-Pulizija, dik l-investigazzjoni lesta jew le?

***Ix-Xhud :***
Lili ma rrizultalix li kien tah.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri konkluza? Inti ghalaqtha ghalik?

***Ix-Xhud :***
Ifhimni, investigazzjoni bhal dik mhux ser tinghalaq.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le; jekk jirrizultalekx illi ma kienx…., dan ha thallih taht suspett jigifieri?

***Ix-Xhud :***
Jekk ikun hemm .. jekk jirrizultali xi haga gdida jien ser nerga’ nibghat ghalih.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma s’ issa ma rrizultalekx li ghaddielu informazzjoni.

***Ix-Xhud :***
..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta tghidli ma rrizultalix ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax nahseb cahad, hux; nahseb.

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Imhallef A Lofaro :***
Nahseb cahad is-Sur Valletta.

***Ix-Xhud :***
Cahad kategorikament.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma mbaghad iccekjajtu?

***Ix-Xhud :***
Iccekjajna certi affarijiet ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ghax taf inti, ikollok nies, jiena niftakrek is-CID. Jekk xi hadd jichad mhux xorta tkompli tinvestiga?

***Ix-Xhud :***
U hekk qed isir; hekk qed isir.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Hekk qed isir.

***Imhallef A Lofaro :***
Nitfakrek mas-Sur Rizzo; niftakrek sew.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma per ezempju minn l-investigazzjonijiet l-ohra nafu illi serum raids fid-djar ta' dawn il-persuni, li ngabru t-telephones cellurali ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt, il-computers, il-hard disks, mobiles …

***Dr Therese Comodini Cachia :***
..il-computer. Fil-kaz tas-Sur Valletta dan sar?

***Ix-Xhud :***
Sar, sar certu affarijiet hekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Certu affarijiet?

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-kwistjoni ta' leaks dwar din l-investigazzjoni, per ezempju smajna kif kien hemm ufficjali tal-Pulizija li tpoggew f' riskju 'l ghaliex per ezempju s-Sur Theuma jghidilna li kien jaf li ser ikollu raid. Is-Sur Fenech jindika illi kien jaf illi qed jigi ittepjat. Inti din l-informazzjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe. U dak it-tlieta li gew arrestati kienu jafu wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dawk ukoll. Inti, peress illi l-ufficjali tieghek jekk kienu jippartecipaw f' dawn ir-raids inti kont tkun konsapevoli ta' dawn l-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Ha nghidlek, l-ewwel raid li sar meta inqabdu t-tliet ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ta' Degiorgios

***Ix-Xhud :***
Ta' Degiorgios, lanqas biss kont naf li ser issir dik ir-raid.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
All right. Imma inti din is-sena bhala Kummissarju tal-Pulizija x' investigazzjoni ghamilt dwar dawn il-leaks?

***Ix-Xhud :***
Il-leaks..?

***Imhallef A Lofaro :***
Il-leaks.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghamilt investigazzjoni dwar l-informazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
Iccekjajt ma' l-investigaturi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
X' inhuwa?

***Ix-Xhud :***
Iccekjajt ma' l-investigaturi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Min huma l-investigaturi?

***Ix-Xhud :***
Li huma Ian Abdilla..

***Imhallef A Lofaro :***
Keith Arnaud

***Ix-Xhud :***
..Keith Arnaud, u ..fhimt? Biex nara jekk dan gietx investigata din il-possibbilta` li saru l-leaks. U lili qaluli li l-persuna li (ghal Lawrence Cutajar) kien mitkellem fuqha l-kaz, gie investigat, u kien ukoll irrilaxxa stqarrija quddiem magistrat. Jekk minhiex sejjer zball.., ahjar ma nsemmix min hu imma ghax nahseb...

***Imhallef A Lofaro :***
U iva, imma magistrat.

***Ix-Xhud :***
Magistrat jidhirli Neville Camilleri.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri jiena jinteressani.., mela ha nibdew minn hawnhekk; jekk sar xi leaks dawn il-leaks hargu mill-Korp tal-Pulizija huma min huma.

***Ix-Xhud :***
Ma nistax nghidu dan.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bilfors hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela allura min? Min jista' ikun jaf?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mhux bilfors? L-action, ir-raid mill-Korp tal-Pulizija kien ser isir..

***Imhallef A Lofaro :***
Mill-Pulizija.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Mhux minn ghand terzi

***Ix-Xhud :***
Iva iva, jekk thares lejha hekk ghandek ragun hu!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Allura l-Korp tal-Pulizija kien jaf meta ser jaghmel dak ir-raid. Qed nghidlek ‘Korp tal-Pulizija’ b’ mod generali ..

***Ix-Xhud :***
Imbarra jien.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imbarra inti.

***Imhallef A Lofaro :***
M’ ahniex qed nghidu li inti; ma tarax!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa, saret investigazzjoni jew qieghda issir investigazzjoni fil-Korp tal-Pulizija biex jigi determinat illi jekk kien hemm dawk il-leaks minn fejn hargu?

***Ix-Xhud :***
Sewwa. Jiena informat li l-persuna li huwa gie allegatament hareg xi leak gie investigat, u kien gie mitkellem ukoll minn Magistrat inkwerenti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux is-Sur Cutajar biss; is-Sur Valletta wkoll imsemmi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux is-Sur Cutajar biss imsemmni, ghandek ragun. Mhux is-Sur Cutajar biss imsemmi.

***Imhallef A Lofaro :***
Ezatt. Hemm ohrajn imsemmijin. Mhux is-Sur Cutajar biss.

***Ix-Xhud :***
Jien, jekk qed tirreferu ghas-Sur Valletta dak kellimtu jien u ma rrizutalix li kien hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le ara; biex impoggi l-mistoqsija..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inti li rrizultalek huwa li s-Sur Valletta innega.

***Ix-Xhud :***
Innega innega.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U waqaf hemm.

***Ix-Xhud :***
Daqshekk.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma jfissirx illi li le!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ma jfissirx illi b' daqshekk billi innega s-sitwazzjoni hija maghluqa!

***Ix-Xhud :***
Le ..

***Imhallef A Lofaro :***
Trid ticcekkja hu!

***Ix-Xhud :***
Sewwa qed tghid.

***Imhallef A Lofaro :***
Hadtulu l-computer? Il-hard disk, il-mobile? Ghamilthom dawn l-affarijiet?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tafx.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Ahseb u ara jien kemm naf!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nehduha pass iktar ‘il quddiem; issemma Dr Cardona. Dr Cardona saru fil-konfront tieghu allegazzjonijiet serji li hu cahad ..

***Imhallef A Lofaro :***
Serji hafna.

***Imhallef J Said Pullicino :***
..li hu cahad, u fair enough. Pulizija baghtu ghalih biex jistaqsuh sal-lum kemm ilek hawn f’ dawn l-ahhar hames xhur?

***Ix-Xhud :***
Iva, saru.

***Imhallef A Lofaro :***
Baghtu ghalih darbtejn;

***Ix-Xhud :***
Baghtu.

***Imhallef A Lofaro :***
Cahad u hareg.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma jimpurtax. Imma dika ..

***Imhallef A Lofaro :***
Mill-gurnali ta li qed nghid jien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le hawnhekk ma ahniex qed naghmlu l-inkjesta fuq l-inkjesta. Jigifieri jekk inti tghidli illi bghattu ghalih u interrogajtuh, interrogajtuh allura dak ha nehodha bhala fatt u daqshekk. Fuq Dr Cardona ghamiltuha din il-bicca xoghol. Ghandkom…

***Ix-Xhud :***
Jien informat, informat li kienu kellmuh.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghaliex tghidli ‘infumat’?

***Ix-Xhud :***
Ghax jiena ma kontx involut fl-investigazzjonijiet; irrid noqghod ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma naqblu li kellek kull poter li tibghat ghalihom lil dawn in-nies u tinvestigahom inti stess!? Dawn ma humiex affarijiet serji li jinkwetawk?

***Ix-Xhud :***
Jien personalment Sinjura Mhallef?

***Imhallef A Lofaro :***
Inti personalment, ma tinkwetax?

***Ix-Xhud :***
Ninkwieta, mela ma ninkwetax?

***Imhallef A Lofaro :***
Ma tibghatx ghalihom?

***Ix-Xhud :***
Imma jekk baghat ghalihom haddiehor kif nerga’ nibghat ghalihom jien?

***Imhallef A Lofaro :***
X’ ghandu x’ jaqsam?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Per ezempju fil-kwistjoni fir-rigward tas-Sur Cardona jiena jidhirli li hu hareg stqarrija biex jghid li hu gie jkellimkom; u inti qed tghidli li intom bghattu ghalih; liema hi l-verita`?

***Imhallef A Lofaro :***
Le imma mhux hu baghat ghalih.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Le le mhux jiena, mhux jiena.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Liema hi l-verzjoni t-tajba? Li dan gie spontanjament jew li l-Pulizija talbuh jigi?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx inwiegeb hawnhekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma dan sehh waqt li inti kont Agent Kummissarju tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Nahseb qabel ta’.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tahseb qabel. Ara, ha nkun cara, inti f’ intervista dwar il-kwistjoni tal-Pulizija tat-traffiku hats off to you inti ghedt illi qabbadt lill-Internal Audit and Investigations Department biex jaghmlu investigazzjoni tal-Korp tal-Pulizija kollu. Allura fil-kwistjoni ta’ leaks dwar investigazzjoni daqshekk krucjali ghal Korp tal-Pulizija inti ma hassejtx il-htiega li wkoll tqabbad lill- Internal Audit Department tal-Pulizija jinvestigaw internament lill-Korp kollu?

***Ix-Xhud :***
U dak qed isir parallel.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma min qed isir?

***Imhallef A Lofaro :***
Minn min u ma’ min?

***Ix-Xhud :***
Dak il-kaz tat-traffic qed tghid avukat?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-kaz tal-..?

***Ix-Xhud :***
Il-kaz ta’ traffic qed tghid?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Dak ukoll; Adrian Vella dak kaz iehor.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jien ghedtlek hats off to you, fil-kaz tat-traffic inti qabbadt, apparti l-investigazzjoni tal-Pulizija, inti ikkwotat fil-gurnali illi qabbadt l-Internal Audit Unit tal-Pulizija, ok?, biex jinvestigaw lill-Korp tal-Pulizija kollu biex jaraw x' inhu jigri. Jekk trid nikkwotalek minn l-intervista tieghek.

***Ix-Xhud :***
M' ghandekx ghalfejn.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma ghedtx hekk?!

***Ix-Xhud :***
M' ghandekx ghalfejn tikkwotali.

***Imhallef A Lofaro :***
Jiena niftakarha.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela, fil-kaz ta' leaks minn gol-Pulizija illi esponew lill-ufficjali tieghek stess ghal riskji, ma kienx hemm din il-bzonn illi wkoll illi ssir investigazjoni minn l-Internal Audit Unit tal-Pulizija b' mod wiesgha?

***Ix-Xhud :***
Jiena, number 1 Internal Audit Office ma ghandniex.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
X' jigifieri ma ghandekx?

***Ix-Xhud :***
Internal Affairs ghandna…

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U iva mhux xorta!

***Ix-Xhud :***
Le halli nkunu ezatt, ha nkunu precizi. Qabbadt ma' l-IAID fl-investigazzjonijiet li huwa Dipartiment tal-gvern biex jassisti, ghax jien ma kellix rizorsi bizzejjed biex naghmilha din l-investigazzjoni; u biex ikolli xi hadd awtonimu 'l barra mill-Pulizija biex hadd ma jigi jghid li we covered up!

Dik li kienet il-htiega li ndahhal l-IAID. Apparti minn dik, apparti li jistghu jifflegjawna minn seta' kien il-persuna jew persuni li abbuzaw u ovvjament jittiehdu azzjonijiet dixxiplinarji jew kriminali, whatever, ituna rakkomandazzjonijiet biex ahna intejbu l-operat taghna; ghalhekk dahhal jien l-IAID.
Issa fic-cirkostanzi ta' investigazzjonijiet dawn kriminali, l-IAID ma humiex ser jidhlu jinvestigaw b' dan il-mod kriminali. U hassejt ukoll, lanqas biss ghaddhietli minn mohhi li nista' nuza lilhom, ghal fatt li kien diga` hemm inkjesta Magisterjali ghaddejja, u skont dak li irrapportawli l-kollegi tieghi li jmexxu d-Dipartimenti koncernati li dawn l-issues kienu diga` ittekiljawhom u ma rrizultalhomx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nofs sekonda ta; ahna qeghdin hawn qed naghmlu Inkjesta amministrattiva fuq xi haga li dwarha hemm proceduri kriminali. Jigifieri huwa normali fis-servizz pubbliku li meta jkun hemm kwistjonijiet bhal dawn, internament, l-amministrazzjoni taghmel l-indagni biex tistabbilixxi jekk kienx hemm jew le nuqqasijiet amministrattivi, tajjeb? Issa din fil-kaz tal-Pulizija ta' Traffic qed issir, u haga tajba. Qed tistaqsik l-avukatessa, fil-kaz l-ohra ta' fejn tqeghdu f' riskju l-membri tal-Korp stess minhabba l-leaks ghaliex ma saritx dik? Din id-domanda, hux hekk? Dik.

***Ix-Xhud :***
Ma ghamilthiex jien; ma ghamilthiex.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma tafx.

***Imhallef A Lofaro :***
Qieghda ssir din it-tip ta' investigazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Qed issir investigazzjoni tal-magistrat?

***Imhallef A Lofaro :***
Le, imma interna mill-Korp stess kif spjegalek is-Sur President tal-Qorti.

***Ix-Xhud :***
Le ghax dan huwa kaz kriminali, mhux dixxipplinari.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma amministrattiv ukoll.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kaz kriminali! Ghandna l-aqwa kaz kirminali ta' Malta hux!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela inti fir-risposta tieghek ghedt ukoll illi qabbadt lill-Internal Affairs 'l ghaliex ma ridtx lill-istess Pulizija jinvestigaw qishom lilhom infushom, mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Ma kellix rizorsi ghedtlek.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux titlob! Tlabt ghal rizorsi? Tlabt ghalihom jekk ma kellekx?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura kif tispjega illi fir-rigward ta' l-assassinju qed jigu investigati minn l-istess nies li kellhom assess ghal dik l-informazzjoni?

***Imhallef A Lofaro :***
U jekk ma kellux rizorsi ghaliex ma talabx ghalihom?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux dik biss.

***Imhallef A Lofaro :***
Ukoll imma.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk jiena ghandi l-istess nies illi kienu qeghdin iwettqu dik l-operazjoni li kellhom l-informazzjoni u li hawnhekk smajna li kienu jmorru Kastilja jirrapportaw lill-Prim Ministru fil-laqghat, huma qed jinvestigawhom il-leaks? Per ezempju s-Sur Abdilla, hu qed jinvestigahom il-leaks?

***Ix-Xhud :***
Le ma jidhirlix. Le, id-Dipartiment tas-CID jinvestigahom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ejja noqghod attenti ..

***Ix-Xhud :***
Il-leaks hemm il-magistrat ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, l-eks Kummissarju Cutajar, just biex inti tkun taf, xehed fil-kawza Kostituzzjonali fejn qal illi huwa s-Sur Abdilla li qed jinvestiga il-leaks; inti tafha din jew le?

***Ix-Xhud :***
Il-leaks ma nahsibx li qed jinvestigaha hu ta!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela min?

***Ix-Xhud :***
Dak hemm xi spetturi; hemm inkjesta wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jien insibha difficli li inti Agent Kummissarju tal-Pulizija ta….

***Ix-Xhud :***
Ghandek ragun, ghandkom ragun ghandkom ragun; tant hija kumplessa…

***Imhallef A Lofaro :***
Inti l-Agent imma!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna nifhmu li inti ilek hemm hames xhur u ..

***Ix-Xhud :***
Mhux qed ghal qalbi; mhux qieghed ghal qalbi, serrah rasek.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik s' hemmhekk nifhmuha. Imma din li qed tghidilna llum u l-mod ta' kif qed tixhed illum, mhux tort tieghek, huwa sintomatiku ta' kif irrisponda u ser jirrispondu ohrajn warajk. Jigifieri jiena veru li qieghed at the top, pero` ta' taht jaghmlu x-xoghol. Mhux hekk tahdem is-sistema. Is-sistema hija li min qieghed at the top irid jirrispondi. Ghalxejn jigi l-Kummissarju ta' qablek u jghidli – ha nghidlek, jiena mhux jien ta! Kien qed jaghmel…, dan mhux xoghol dan! Dik mhix serjeta`.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U ta' taht jghidu lil dan li ta' fuqhom.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux hekk? Ghax imbaghad ma nafux fejn nispiccaw!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri ddeciedu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Meta graw il-Panama Papers saru allegazzjonijiet rarissimi kontra nies li qeghdin is-sitwazzjoni ta' kontroll fil-pajjiz. U anke kontra persuni ohrajn li ma humiex fil-politika li intqal li abbuzaw fis-sistema finanzjarju. Inti fl-esperjenza tieghek, il-Pulizija x' passi hadu f' dawn ic-cirkostanzi? Jigifieri investigaw lil dawn in-nies illi suppost ghandhom kontijiet etc barra fil-Panama u x' naf jien? Investigawhom kollha dawn? X' gara? Taf xi haga fuqha din?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghidlek huwa li dawn l-investigazzjonijiet ghandhom ghaddejjin

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sewwa. U ..?

***Ix-Xhud :***
Kif appena issir, hadt din il-kariga, dan ir-rwol, qabbadt Task Force biex ikun hemm iktar kontroll, iktar koordinazzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma allura nies illi.., ghax sa fejn nafu ahna minn general knowledge ma tressaq had minn dawn in-nies indikati, mhux qed nitkellem biss ghal dawk l-erbgha – hamsa importanti, anke ghal ohrajn; hadd ma tresssq minnhom b' xi akkuzi ta' ksur ta' ligijiet hux hekk? Taqbel mieghi?

***Ix-Xhud :***
Hekk jidher, hekk jidher.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Anke s' issa, wara hames …. ma nafx kemm ilhom dawn.

***Ix-Xhud :***
Kemm ili Agent Kummissarju tajthom disa' (9) Cadettes godda ghal to beef up biex inkabbar l-iskwadra halli dawk l-investigazzjonijiet li qed issemmi s-Sinjorija Tieghek jigu investigati sa l-ahhar. Tajthom tmienja u ghoxrin (28) ufficjal iehor u ha intihom sitt (6) surgenti ohra jekk mhux tmienja (8), minhiex cert

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq il-Panama Papers.

***Ix-Xhud :***
Fuq Panama Papers u….

***Imhallef J Said Pullicino :***
U skandli ohrajn; allegazzjonijiet ohrajn.

***Ix-Xhud :***
Fl-investigazzjonijiet kollha. Biex issa ma jkollhomx problema li understaffed

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti tahseb illi r-raguni li ma tressaq hadd u ma gara xejn kienet dik li kienu understaffed biss?

***Ix-Xhud :***
Jiena dik tawni x' nifhem, li ma ghandhomx nies biex ikopru dak ix-xoghol kollu.

***Imhallef A Lofaro :***
U sar progress minn mindu tajthom dawn in-nies kollha?

***Ix-Xhud :***
Sar; diga` sar.

***Imhallef A Lofaro :***
Sar progress.

***Ix-Xhud :***
Diga` sar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Xi progress sar?

***Imhallef A Lofaro :***
Ser jitressaq xi hadd?

***Ix-Xhud :***
Suppost; suppost hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma qalulek li per ezempju within one month? Within 2 months?

***Ix-Xhud :***
…

***Imhallef A Lofaro :***
Ma jghidulekx dawn?

***Ix-Xhud :***
Ma jghidulix le. Ma jghidulix.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti ma tghidilhomx – isma', tridu tghiduli bilfors.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
The case of a century u ma tistaqsix lanqas b' kurzita` biex tistaqsi lill-ufficjali tieghek li inti meta inti mort ghal dik l-intervista mal-gurnalist ma ivverifikajtx fiex waslu dawn l-investigazzjonijiet? Ma hsibtx li l-gurnalist ser jghidlek isma' meta ser takkuzah lil dan?

***Ix-Xhud :***
…

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le.

***Ix-Xhud :***
Investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin hux.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma donnok ma tafx fiex waslu. Mintix ibbrijfjat sew

***Ix-Xhud :***
Le le minhiex.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti responsabbli.

***Ix-Xhud :***
Iva naf, imma ..

***Imhallef A Lofaro :***
Inti. Ma nafx, ma nistax ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
…illi dan il-Panama Papers id-dinja kollha, mhux Malta biss. Jigifieri mhux Malta biss. Mela fid-dinja kollha gara xi haga imma hawn ma gara xejn. Issa ahna ma nistghux naslu ghal konkluzjonijiet bla provi, imma dan huwa fatt.

Illi fejn pajjijzi ohra xi haga gara, hawnhekk ma gara xejn kontra hadd. Mhix kwistjoni kontra dan u l-iehor, kontra hadd. U ghal din wiehed irid isib raguni. Ghaliex wahda mir-ragunijiet li wiehed jista' jghid illi kien ipprovokaw b' xi mod id-delitt li qed nitkellmu fuqu huwa dan li ma ittehditx azzjoni fil-mument biex dak li kellu jigi indagat u dak li jigi immexxi kontra tieghu ma garax. Tajjeb? Jigifieri din ahna rridu spjega ghaliha. Ghaliex kien hemm nies illi suppost kellhom jigu indegati u jittiehdu certi passi forsi innocenti u forsi mhux innocenti jew hatja, imma li kieku ttiehdu dawk il-passi kieku kien hemm cans illi ma kienx jigri dak li gara. Mela dan ahna ghalina huwa importanti. U xi hadd irid jghidilna, li xi hadd irid jifthilna ghajnejna u jghid ghaliex sal-lum certi passi ma ittehdux.

***Imhallef A Lofaro :***
Sal-lum.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed inkunu iktar cari, tajjeb? Ma tistax tkun iktar cara ghax dan huwa dak li ghandi miktub biex niddeciedi jien, tajjeb?

***Ix-Xhud :***
Ghandek ragun. Qed nifhmek qed nifhmek.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Aspett iehor li xtaqt insaqsik dwaru; inti bhala Agent Kummissarju tal-Pulizija writt l-istess procedura li kellu ta' qablek illi jkollkom laqghat mal-Prim Ministru jew ma' rapprezentanti minn l-Ufficcju tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Kemm ili Agent jien Kummissarju ma iltqajt ma hadd hlief mal-membri tal-Europol.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U ghamilt sew.

***Ix-Xhud :***
Nahseb li huwa sew.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ezatt. Pero` ufficjali ohra iltaqghu?

***Ix-Xhud :***
Minn warajja jekk iltaqghu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok. Jigifieri inti tajt struzzjonijiet cari li  dawk il-laqghat jieqfu.

***Ix-Xhud :***
Huuuu!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Prosit. Ha mmur lura ftit ghal mistoqsijiet li konna qed naghmluek fuq is-Sur Valletta. Jien fhimt sew illi intom gbartu l-mobiles u l-equipment tieghu jew li ma gbartux?

***Ix-Xhud :***
Le. Gbart il-call logs jien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Gabrt il-call logs.

***Ix-Xhud :***
Call logs.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma mhux il-mobile.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri intom ma jinteressakomx dan x' jikteb fuq WhatsApp jew bil-messaggi?

***Ix-Xhud :***
Le le, dak ikkonferma li mar maghhom – li mar mieghu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ikkonferma li siefer mieghu

***Ix-Xhud :***
Iva. Darbtejn.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Darbtejn. U taf u jekk tista' tghidilna kemm kienet ilha din il-hbiberija? Investigajtu kemm kienet ilha din il-hbiberija?

***Ix-Xhud :***
Minn 2016.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Minn 2016. U ikkonfermajtu kif inbdiet din il-hbiterija u x' tip ta'…; insomma, x' tip nafu ghax siefer mieghu.

***Ix-Xhud :***
Iltaqghu go festin jew ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iltaqghu go…?

***Ix-Xhud :***
Festin. Tghidlix x' kien sar; mill-memorja ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
(Socjevoli hafna eh biex tiltaqa' f' festin u ssiefer darbtejn!) Ma' tul l-investigazzjoni, is-Sur Valletta, lilek, li kontu tahdmu flimkien fil-Korp, qatt tak x' tifhem illi jaf lis-Sur Fenech?

***Ix-Xhud :***
Jien sirt naf li kien siefer mieghu minn fuq il-gazzetta.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Minn fuq il-gazzetta.

***Ix-Xhud :***
Jiena u s-Sur Valletta ma konniex nitkellmu fuq x' kien jaghmel hu jew x' kont naghmel jien.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma nafx…, Sinjuri Imhallfin, forsi ahjar niehu l-gwida taghkom fuq din; il-kwistjoni tal-Pulizija tat-Traffiku, mhux as such il-kaz innifsu, imma d-dewmien jew in-nuqqas ta' proceduri ghanda nistaqsu dwar x' inhu jigri minhabba l-impunita` jew il- ..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
It's a bit late issa. Issa dan post factum; hafna post factum dan.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. Il-post jiena qed nahseb jekk ghandniex bzonn insahhu s-sens ta' impunita` jew il-process vera.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhix relevanti ta.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
M' hemmx ghalfejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhix relevanti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
M' hemmx ghalfejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Dan il-kaz ahna qed jinteressana.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ha nghidlek, dak li inti agixxejt fuqu mas-Sur Valletta b' certu mod, tajjeb?, jekk hux bizzejjed jew le wiehed jara, imma hadt certi passi fil-konfront tas-Sur Valletta. Dan l-istess fatti, passi, hadthom fil-konfront ta' haddiehor? Fejn naf? Ta' Keith Schembri?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' Cardona? Ta' dawn li ssemmew. Dawn in-nies li ssemmew f' dawl negattiv dwar il-kompilazzjoni. Inti dawna sal-lum hadt xi passi biex tara dak li qed jinghad hemm xi verita` fih jew le? Jekk hassejt il-bzonn? Jew qed thalliha f' idejn il-Magistrat? Jew mhix … tieghek?

***Ix-Xhud :***
Le jiena meta tas-Sur Valletta hadt hsiebha ghax ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Tal-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
…ma ridtx indahhal lil haddiehor ghax billi kienu kollegi dawn erfajt ir-responsabbilta` jien. Rigward l- investigazzjonijiet ohrajn jiena staqsejt fejn waslu u ma waslux, u skont it-twegibiet li tawni jiena sa fejn naf jien l-inkjesti kollha ghaddejjin u qeghdin jimxu parallel l-investigations mill-Pulizija.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Pero` l-Magistrat ma jibghatx ghan-nies. Il-Pulizija ittellaghhom. Issa jigifieri jekk waqt inkjesta, waqt procedura l-qorti jinghad xi haga li tindika li jista' ikun hemm xi tracca ta' delitt jew xi haga, il-Pulizija suppost tagixxi fuqha dik; indipendentement minn dak li hemm fl-inkjesta. Suppost inti ..

***Ix-Xhud :***

Li nista' nghidlek huwa dan; li ssemmew xi nies hawnhekk, Melvin Fenech u.., dawk issejhu d-Depot, issejhu d-Depot biex jergghu jigu mitkellma. Jigifieri l-investigazzjoni ma waqfitx hemmhekk. Ghadhom ghaddejjin.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Ha nghidlek, jiena minhiex… mhux minhiex interessat, imma fl-inkjesta dwar tad-delitt proprju dika nahseb illi qed isir progress u ahna nahseb li ma ahniex nidhlu iktar, ghax inkella nkunu qed nidhlu fejn ma jesaniex. Imma dak li suppost gara fil-konfront ta' allegazzjonijiet ohrajn mhux konnessi mad-delitt issa ta' l-omicidju dak jinteressana. Ghaliex per ezempju wiehed ikollu allegazzjoni ta' hasil ta' flus ta' certa gravita` u l-Pulizija ma tidholx biex tara l-computer tieghu, jekk tibghatx ghalih. Dak iz-zmien, mhux illum, ghax illum l-affarijiet thassru. Imma dak iz-zmien qed nitkellmu fil-bidu nett tal-Panama Papers wiehed kien jippretendi li ikun hemm intervent dirett dak il-hin biex il-prova tigi ..

***Ix-Xhud :***

Hekk hu. Jien hekk nifhimha wkoll

***Imhallef J Said Pullicino :***

…anke biex il-prova tigi priservata, ghax inkella l-provi jisparixxu. I mean dan kollu, issa inti forsi dan ma tafx ta, forsi mhux min-naha tieghek ir-risposta wkoll

***Ix-Xhud :***

Imma li nista' nghidlek ukoll Sur Imhallef, li jiena I made myself clear, li sakemm indum hemmhekk jien jibqghu jinvestigaw dawn l-affarijiet. Tant nemmen fiha li zammejt id-Dipartimenti kollha l-ohra ghal irkoptejhom bin-nuqqas ta' nies biex tajthom kwazi over thirty five (35), biex inkun ezatt twenty eight (28) u ha intihom sitta (6) ohra jekk mhux tmiejna (8). Jigifieri ghamilt sagrificcju minn Dipartimenti ohrajn biex hemmhekk dak id-Dipartiment jibqa' jinvestiga. U barra minn hekk ghamilna calls biex indahhlu l-pajzana wkoll, analisti. Jigifieri jien mhux ser nieqaf. Sakemm indum hemmhekk jien zgur li mhux ser nieqaf ninvesti f' dak id-Dipartiment biex il-kazi li qed issemmu kollu hawnhekk jigu solvuti; u jigu solvuti u nressqu n-nies il-qorti u kulhadd jiehu dak li haqqu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fair enough; u jigifieri r-risposta ghad-domandi li qed naghmlu ahna hafna minnhom iridu jigu minn ta’ qablek u minn ta’ qabel ta’ qablu. Mhux minn ghandek.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghandi domanda, inti semmejt illi iltqajt ma’ Europol li ghadhom qed jassistu fl-investigazzjonijiet. F’ mument minnhom l-FBI ukoll kienu qed jassistu. Dawn ghadhom qeghdin jassistu fl-investigazzjonijiet?

***Ix-Xhud :***
La ma ghadhomx jassistu; ma ghadhomx ma ghadhomx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U taf ghalfejn ma ghadhomx l-FBI jassistu?

***Ix-Xhud :***
Ghax dawk qeghdin…, l-FBI jekk minhiex sejjer zballjat assistew fil-bidu ta’ l-omicidju.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ara, qed insaqsik ‘il ghaliex fl-anniversarju kien hemm a strong call minn l-Ambaxxata Amerikana li qed tghid li hi ghadha disposta li toffri s-servizzi taghha, u allura llum il-gurnata meta tghidli li l-FBI ma humiex jippartecipaw ghalfejn?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax ma ghandkomx bzonnhom?

***Ix-Xhud :***
Le. Ahna, jekk nista’ ingib lil kulhadd jghina jiena ngibhom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura ghalfejn l-FBI ma ghadhomx?

***Ix-Xhud :***
Minhiex cert sa liema stat…jekk waqfu f’ liema stadju waqfu, u ghal xiex. Minhiex.., ma nafx, ma nafhiex dik. Pero` jidhirli dawk jidhirli li kien hemm xi laqghat li ma kontx involut fihom jien li regghu offrew l-assistenza.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ahna, ser tipprezentalna l-logs fuq ir-roadblocks ta' l-RIU fix-xahrejn ta' qabel l-assissinju?

***Ix-Xhud :***
Jekk huma available nipprezenthom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nahseb li its worth having .. L-importanti nahseb li huwa relevanti ghalina 'l ghaliex harget mill-kumpilazzjoni, minn Awwissu ta' dik is-sena sad-data ta' l-omicidju, jekk kienux isiru roadblocks u x' tip ta' protezzjoni kienet tinghata f' dik l-area; jigifieri fit-triq tas-Sinjura Caruana Galizia.

***Ix-Xhud :***
Nara jekk insib.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dik hi l-informazzjoni li rridu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax dak huwa l-perjodu li jinteressana fil-verita`.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dik l-informazzjoni li rridu.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ir-raguni, jekk is-Sinjuriji taghkom jippermettulna, ir-raguni biex intom tkunu tafu …… halli impoggu l-karti fuq il-mejda, dan huwa fatt ikkonstatat li s-Sur Alfred Degiorgio jinstema' u gie..

***Imhallef A Lofaro :***
Fuq xi tapes hu?

***Dr Jason Azzopardi :***
U gie jixhed Melvin Theuma illi Alfred Degiorgio qallu illi s-sinjura.., (niddejjaq nghidha) ghax kienet ixxurtjata ghax kien hemm roadblock ghax kellna mmorru lura.

***Imhallef A Lofaro :***
Ehe ehe.

***Dr Jason Azzopardi :***
U dina qalha Melvin Theuma. Issa ahna nixtiequ li nistabbilixxu fejn kienu r-roadblock; roadblocks kien hemm pero` fejn kienu r-roadblocks halli mbaghad naqbdu ezattament minn fejn giet trasportata l-bomba.

***Ix-Xhud :***
Naghmluha.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jigifieri minn Awwissu sad-data, jekk vera kienx hemm, ghax jekk vera kien hemm allura tikkorrobora x-xhieda ta' haddiehor; ghalhekk.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jigifieri qed titlob bejn Awwissu u Ottubru.

***Dr Jason Azzopardi :***
….

***Ix-Xhud :***
Jista' jikkorrispondi mieghi; jaghtini d-dati kif trid ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Le, l-ahjar illi tipprezenthom lill-Bord.

***Ix-Xhud :***
Le le, iva iva; iva,

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-konfront ta' din l-inkjesta jiena tinteressani din ix-xhieda oltre dak li qal il-kollega, 'l ghaliex fil-konfront ta' din l-inkjesta jien jinteressani x' tip ta' protezzjoni kien hemm.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dik; hemm.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu hek hu mela.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dak il-punt kollu. Din l-informazzjoni ta' dan il-logbook bejn Awwissu u Ottubru ghalina hija importanti hu.

***Ix-Xhud :***
Nara x' insib Sur Imhallef.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jinteressana nkunu nafu ahna r-relazzjoni li hemm – korrispondenza li hemm bejn il-Pulizija u l-Istati Emerati Maghquda. Jigifieri UAE u s-17 Black. Jigifieri dik interessanti li nkun naf f' liema stadju waslu. Jekk kienx hemm xi zviluppi f' dan l-ahhar hames xhur - sitta. Kif ser inkunu nafu dan? Min huwa responsabbli?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghidlek huwa dan: saru diversi tentattivi biex ituna informazzjoni rigwrd ....

***Imhallef J Said Pullicino :***
Minhiex qed nisimghek.

***Ix-Xhud :***
Saru diversi tentattivi biex il-UAE ituna l-informazzjoni relatata ma' 17 Black, pero` ma tawniex. Li nista' nghidlek ukoll huwa li l-Europol ghamlet xi laqghat u kienu pozittivi..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Laqghat ma' min?

***Ix-Xhud :***
Laqghat ma' l-awtoritajiet li suppost jghaddulna l-informazzjoni…

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sewwa.

***Ix-Xhud :***
..dwar 17 Black. U hemm tentattiv li Europol javvicinawhom iktar biex forsi ituna din l-informazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Pero` Ikun interessanti ghalina li jkollna kopja tal-korrispondenza li intom kellkom ma' l-UAE biex anke l-Bord ikun jista' jara x'sar u x'ma sarx, jigifieri l-effettivita` ta' dik il-korrispondenza specjalment fid-dawl ta' dak illi qed jigi allegat ..

***Ix-Xhud :***
Jien ma nafx x' korrispondenza hemm. Jekk ma hijiex ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sa ftit ilu kienu jghidu li dan mhux qed jikkoperaw; dawna impossibbli iggib minn hemm etc., li kienet atteggjament ta' risposta li kien ikun hemm, tajjeb? Issa f' certu zmien inbidel donnu dan u qed jghidu li lesti li jikkoperaw. Allura li jinteressana li nkunu nafu ahna in what context inbidlet din l-attegjament u x' possibbbilta` hemm li jkun hemm verament risposta pozittiva ta' fatti x' ser johorgu minnha dik.

***Ix-Xhud :***
Nista' nikkonfermalek li vera huwa l-kaz li fil-bidu ma riedu lanqas biss jikkomunikaw maghna, u issa milli jidher kien hemm zblokk u jidher li Europol ghandhom ic-cans li jaghmlu dan ix-xoghol ghalina.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax dan jista' ikun anke xi forma xhieda bil-video conferencing u dawn l-affarijiet hu. Illum hemm mod kif taghmel certi…

***Ix-Xhud :***
Jiena ma nafx kemm hemm korrispondenza ta' Europol, tista' tkun mghoddija lil ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le ahna jekk hi konfidenzjali ma hemmx bzonn narawha ta; imma l-fatti, it-timeline, it-timeline x' sar u x' ma sarx, u l-ezitu; importanti din ..

***Ix-Xhud :***
Nipprova nara jekk nistax ingib darb' ohra.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. U domanda supplimentari ghal dak li staqsiek is-Sur Imhallef. Inti ghedt li qisu kien hemm perjodu meta intom bhala Pulizija ta' Malta kontu qed titolbu l-informazzjoni minn l-UAE u mbaghad dik l-informazzjoni bdiet tintalab minn Europol. Taf meta bdiet tintalab minn Europol u mhux mill-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Wara li gejt nahseb jiena meta dhalt fix-xena jiena bdiet, bdiet ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri dik is-sena waqt il-hatra tieghek.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux ahjar ikollna timeline taghha dik? Mhux biss il-kontenut; timeline ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma da parti ta’ l-Awtoritjiet Maltin, id-domanda request on information saret sew kif suppost? Jew kien hemm xi affarijiet neqsin u kien forsi ghalhekk li ma kkoperawx.

***Ix-Xhud :***
Le saret kif suppost. Saret kif suppost ..

***Imhallef A Lofaro :***
Cert inti minnha din?

***Ix-Xhud :***
Saret kif suppost through proper channels saret.

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux ic-channels. Meta ghamiltu r-request kien hemm id-dettalji kollha li suppost jkun hemm?

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Imhallef A Lofaro :***
Huma ikkompljenjaw b’ xi mod illi ma hemmx kollox?

***Ix-Xhud :***
Ma kenx hemm dawk it-tip ta’ complains. Dawn … ..

***Imhallef A Lofaro :***
Cert minnha inti din?

***Ix-Xhud :***
Jidhirli li l-compliants li saru kienu li jekk jaghtu informazzjoni lilna joholqu precedent u jkollhom jaghtu l-informazzjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma inti cert minnha din?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hemm kopja? Tezisti kopja ta' din il-korrispondenza?

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu; ghax irriduha please.

***Ix-Xhud :***
Nipprova nara jekk hemmx.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghalina important.

***Ix-Xhud :***
Naf naf, nifhmek.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghalina importanti din.

***Ix-Xhud :***
Nipprova nara ngibx ukoll. Dejjem jekk ma hijiex informazzjoni riservata hu; ghax..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma hawnhekk ghedtulna li saret korrispondenza illi jew ma rrispondew xejn jew inkella jekk irrispondew ma tawkomx dik l-informazzjoni, u issa qed tghid speci illi gabu din l-iskuza illi jekk huma jaghtu informazzjoni lilna ha jkollhom jaghtu informazzjoni lil haddiehor. Issa, ghalina importanti li jkollna kopja ta' din il-korrispondenza.

***Ix-Xhud :***
Jekk huwa possibbli jkollok kopja.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena ma ghandix iktar domanda Sur Imhallef.

***Imhallef A Lofaro :***
Gibilna l-korrispondenza jekk joghgbok ghax ghandna bzonnha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Sa Friday tkun f' pozizzjoni li ittihielna din l-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Ha nitlobha llum stess; ha  nitlobha llum stess.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela nergghu narawk il-Gimgha please fid-disgha u nofs ta’ filghodu (9:30 am)?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hemm il-punt tad-Dottoressa fuq is-sorveljanza ...

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghandek id-detail book, l-informazzjoni ta’ l-RIU minn August sa October; u ghandek il-korrispondenza tal-Pulizija ta’ Malta ma’ l-UAE. Jigifieri tliet affarijiet.

***Ix-Xhud :***
Nahseb ahjar tibaghtuli..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela mbaghad tini l-email address u nibaghtulek email.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Possibbilment jekk jista’ ikun il-korrispondenza, imma certament it-timeline, tajjeb? Ta’ x’ gara u ma garax, qed tifhem?

***Imhallef A Lofaro :***
Il-korrispondenza kollha ma’ l-UAE u narawk il-Gimgha fid-disgha u nofs. Tridx ahjar jobbliga ruhu li jkun hawnhekk il-Gimgha fid-9:30am? Grazzi Sur Magri.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ l-**Agent Kummissarju tal-Pulizija Carmelo Magri** dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur